

# Il-Ġurnal Uffiċjali

# L 108

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

29 ta' April 2009

Werrej

I Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja

## REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 350/2009 tat-28 ta' April 2009 li jstabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..... 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 351/2009 tat-28 ta' April 2009 li jiffissal-koeffiċjent ta' allokaz-  
zjoni għal-liċenzji tal-esportazzjoni għal ċerti prodotti tal-ħalib li għandhom jiġu esportati lejn ir-  
Repubblika Dominikana skont il-kwota msemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 352/2009 tal-24 ta' April 2009 dwar l-adozzjoni ta' metodu komuni tas-sikurezza dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji kif imsemmi fl-Artikolu 6(3)(a) tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> ..... 4**

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 353/2009 tat-28 ta' April 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 194/2008 li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/il-Mjanmar ..... 20**

Prezz: 18 EUR

<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompili fil-paġna ta' wara)

# MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.  
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Il-Kummissjoni**

2009/350/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2009 fuq talba tal-Irlanda biex taċċetta id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE li tistabbilixxi Netwerk Ewropew ta' Migrazzjoni (notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 2708)** ..... 53

---

III *Atti adottati skont it-Trattat tal-UE*

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

- ★ **Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/351/PESK tas-27 ta' April 2009 li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Burma/il-Mjanmar** ..... 54



## I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 350/2009

tat-28 ta' April 2009

**li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u  
ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negożjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' April 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

## ANNEX

## il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	82,3
	TN	139,0
	TR	110,2
	ZZ	110,5
0707 00 05	JO	155,5
	MA	37,3
	TR	143,3
	ZZ	112,0
0709 90 70	JO	216,7
	TR	98,9
	ZZ	157,8
0805 10 20	EG	45,4
	IL	57,1
	MA	40,8
	TN	54,2
	TR	50,2
	US	56,9
	ZZ	50,8
0805 50 10	TR	46,3
	ZA	73,4
	ZZ	59,9
0808 10 80	AR	82,0
	BR	72,0
	CA	113,8
	CL	78,3
	CN	92,8
	MK	31,8
	NZ	114,0
	US	114,4
	UY	70,9
	ZA	79,5
ZZ	85,0	
0808 20 50	AR	88,1
	CL	82,9
	CN	36,6
	NZ	141,0
	ZA	92,2
	ZZ	88,2

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 351/2009

tat-28 ta' April 2009

li jiffissal-koeffiċjent ta' allokkazzjoni għal-liċenzji tal-esportazzjoni għal ċerti prodotti tal-ħalib li għandhom jiġu esportati lejn ir-Repubblika Dominikana skont il-kwota msemija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1282/2006 tas-17 ta' Awwissu 2006 li jstabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward il-liċenzji tal-esportazzjoni u r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fil-każ tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 33(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kapitolu III(3) tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 jiddetermina l-proċedura għall-allokkazzjoni ta' liċenzji tal-esportazzjoni għal ċerti prodotti tal-ħalib li għandhom ikunu esportati lejn ir-Repubblika Dominikana skont kwota miftuħa għal dak il-pajjiż.

(2) L-applikazzjonijiet imressqa għas-sena tal-kwota 2009/2010 jkopru kwantitajiet li jaqbzū dawk disponibbli. B'konsegwenza ta' dan, għandhom jiġu ffixxati koeffiċjenti ta' allokkazzjoni għall-kwantitajiet li għalihom tressqu l-applikazzjonijiet.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Il-kwantitajiet koperti b'applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għall-prodotti msemija fl-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 mressqa għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010 għandhom ikunu mmultiplikati bil-koeffiċjenti ta' allokkazzjoni li ġejjin:

— 0,575975 għall-applikazzjonijiet imressqa għall-parti tal-kwota msemija fl-Artikolu 30(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006,

— 0,336842 għall-applikazzjonijiet imressqa għall-parti tal-kwota msemija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' April 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 327M, 5.12.2008, p. 692.

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 352/2009

tal-24 ta' April 2009

dwar l-adozzjoni ta' metodu komuni tas-sikurezza dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji kif imsemmi fl-Artikolu 6(3)(a) tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

operazzjonijiet. Dak l-element bażiku tas-sistema tal-immaniġġjar tas-sikurezza huwa kopert minn dan ir-Regolament.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sikurezza tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi ta' l-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Direttiva dwar is-Sikurezza tal-Ferroviji) <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 6(1) tagħha,

(5) B'konsegwenza tal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp tal-ferroviji tal-Komunità <sup>(2)</sup> u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2004/49/KE, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-immaniġġjar tar-riskji fl-interkonnessjoni bejn l-atturi involuti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(6) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-17 ta' Ġunju 2008 dwar interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità <sup>(3)</sup>, jitolb li l-Istati Membri jridu jieħdu l-passi kollha xierqa biex jiżguraw li s-sottosistemi strutturali li jikkostitwixxu sistema ferrovjarja jkunu jistgħu joperaw biss jekk jiġu ddisinjati, mibnija jew installati b'tali mod li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali li jikkonċernawhom meta jiġu integrati fis-sistema ferrovjarja. Partikolarment, l-Istati Membri jridu jivverifikaw il-kompatibbiltà teknika ta' dawn is-sottosistemi mas-sistema ferrovjarja li fiha jkunu qed jiġu integrati u l-integrazzjoni sikura ta' dawn is-sottosistemi skont dan ir-Regolament.

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/49/KE, il-Kummissjoni għandha tadotta l-ewwel ġabra ta' metodu komuni tas-sikurezza (hawn taħt imsejħa "CSMs") li tkopri tal-anqas il-metodi tal-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju, msemmija fl-Artikolu 6(3)(a) tal-istess Direttiva, abbażi ta' rakkomandazzjoni ta' l-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji.

(2) L-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għamlet rakkomandazzjoni dwar l-ewwel ġabra ta' Metodi Komuni tas-Sikurezza (ERA-REC-02-2007-SAF) fis-6 ta' Diċembru 2007.

(3) Skont id-Direttiva 2004/49/KE, is-CSMs għandhom jiddaħħlu gradwalment biex jiġi żgurat li jinżamm livell għoli ta' sikurezza u, meta u fejn meħtieġ u jkun raġonevolment prattikabbli, dan il-livell jittejjeb.

(4) L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2004/49/KE jeħtieġ li l-impriżi ferrovjarji u l-manigġers tal-infrastruttura jstabbilixxu s-sistemi tagħhom tal-immaniġġjar tas-sikurezza sabiex jiġi żgurat li s-sistema ferrovjarja tkun tista' tilħaq tal-anqas il-miri komuni tas-sikurezza ("CSTs"). Skont il-punt (2)(d) tal-Anness III għad-Direttiva 2004/49/KE, is-sistema tal-immaniġġjar tas-sikurezza għandha tinkludi l-proċeduri u l-metodi għat-twettiq tal-evalwazzjoni tar-riskji u l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-kontroll tar-riskji kull meta bidla fil-kundizzjonijiet operattivi jew materjal ġdid twassal għal riskji ġodda għall-infrastruttura jew l-

(7) In-nuqqas ta' approċċ komuni għall-ispeċifikar u l-wiri tal-konformità ma' livelli u rekwiżiti tas-sikurezza għas-sistema ferrovjarja hu wieħed mill-ostakli għall-ftuħ tas-suq ferrovjarju. Għalhekk, fl-imgħoddi, l-Istati Membri wettqu l-valutazzjonijiet huma nfishom sabiex jaċċettaw sistema, jew parti minnha, li kienet ġa ġiet żviluppata u ppruvata li hija sikura fi Stati Membri oħra.

(8) Biex jitħaffef l-għarfien reċiproku fost l-Istati Membri, il-metodi wżati għall-identifikar u l-immaniġġjar tar-riskji għandhom jiġu armonizzati fost l-atturi involuti fl-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistema ferrovjarja kif ukoll il-metodi għal-wiri li s-sistema ferrovjarja fit-territorju Komunitarju tikkonforma mar-rekwiżiti tas-sikurezza. Bħala l-ewwel pass, huwa neċessarju li jiġu armonizzati l-proċeduri u l-metodu għat-twettiq tal-evalwazzjoni tar-riskji u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kontroll tar-riskji kull meta bidla fil-kundizzjonijiet operattivi jew materjal ġdid iwassal għal riskji ġodda fuq l-infrastruttura jew l-operazzjonijiet, kif imsemmi fil-punt (2)(d) tal-Anness III għad-Direttiva 2004/49/KE.

<sup>(1)</sup> ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44.

<sup>(2)</sup> ĠU L 237, 24.8.1991, p. 25.

<sup>(3)</sup> ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1.

- (9) Jekk ma tkun innotifikata l-ebda regola nazzjonali għad-definizzjoni ta' jekk bidla tkunx sinifikanti jew le fi Stat Membru, il-persuna inkarigata mill-implimentazzjoni tal-bidla (hawn taħt imsejħa "il-proponent") għandha tibda billi tqis l-impatt potenzjali tal-bidla inkwistjoni fuq is-sikurezza tas-sistema ferrovjarja. Jekk il-bidla proposta jkollha impatt fuq is-sikurezza, il-proponent għandu jivvaluta, permezz ta' ġudizzju espert, x'issarraf il-bidla abbażi ta' ġabra ta' kriterji li għandhom jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament. Din il-valutazzjoni għandha twassal għal waħda minn tliet konklużjonijiet. Fl-ewwel sitwazzjoni, il-bidla ma titqisx sinifikanti u l-proponent għandu jimplimenta l-bidla bl-applikazzjoni tal-metodi tas-sikurezza tagħha stess. Fit-tieni sitwazzjoni, il-bidla titqies sinifikanti u l-proponent għandu jimplimenta l-bidla bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, mingħajr il-ħtieġa għal intervent speċifiku mill-awtorità tas-sikurezza. Fit-tielet sitwazzjoni, il-bidla titqies sinifikanti imma jkun hemm dispożizzjonijiet Komunitarji li jirrikjedu intervent speċifiku mill-awtorità rilevanti tas-sikurezza, bħal awtorizzazzjoni għadida għat-tqegħid fl-operat ta' vettura jew bħal reviżjoni/aġġornament taċ-ċertifikat tas-sikurezza ta' impriża ferrovjarja jew bħal reviżjoni/aġġornament tal-awtorizzazzjoni tas-sikurezza ta' manixer tal-infras-truttura.
- (10) Kull fejn is-sistema ferrovjarja li tkun diġà qed tintuża tkun soġġetta għal bidla, is-sinifikat tal-bidla għandu jiġi vvalutat ukoll billi jitqiesu l-bidliet kollha b'rabta mas-sikurezza li jaffettwaw l-istess parti tas-sistema mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew mill-aħħar applikazzjoni tal-proċess tal-immaniġġjar tar-riskji deskritt f'dan ir-Regolament, skont liema jiġi tal-aħħar. L-għan huwa li jiġi vvalutat jekk it-totalità ta' dawn il-bidliet issirx bidla sinifikanti li tirrikjedi l-applikazzjoni sħiħa tas-CSM dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji.
- (11) L-aċċettabbiltà tar-riskji ta' bidla sinifikanti għandha tiġi evalwata skont wieħed jew aktar mill-prinċipji li ġejjin tal-aċċettazzjoni tar-riskji: l-applikazzjoni ta' kodiċijiet ta' prassi, paragun ma' partijiet simili tas-sistema ferrovjarja, stima tar-riskji espliċiti. Il-prinċipji kollha intużaw b'suċċess f'għadd ta' applikazzjonijiet ferrovjarji, kif ukoll f'modi oħra tat-trasport u industrij oħra. Il-prinċipju tal-"istima tar-riskji espliċiti" spiss jintuża għal bidliet kumplessi jew innovattivi. Il-proponent għandu jkun responsabbli għall-għażla tal-prinċipju li jintuża.
- (12) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat, dan ir-Regolament ma għandux imur lil hinn minn dak neċessarju biex jintlaħaq l-għan tiegħu, jiġifieri li jiġi stabbilit CSM għall-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji. Meta jiġi applikat kodiċi ta' prassi rikonoxxut sew, għandu għalhekk ikun possibli li jtnaqqas l-impatt tal-applikazzjoni ekwa tas-CSM. Bl-istess mod, fejn id-dispożizzjonijiet Komunitarji jeħtieġu l-intervent speċifiku tal-awtorità tas-sikurezza, din għandha titħalla taġixxi bħala l-korp indipendenti tal-valutazzjoni sabiex jitnaqqas l-kontroverifika, spejjeż mhux meħtieġa għall-industrija u t-tul ta' ħin sad-dħul fis-suq.
- (13) L-Artikolu 6(5) tad-Direttiva 2004/49/KE jeħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu kwalunkwe emendi neċessarji għar-regoli nazzjonali tagħhom dwar is-sikurezza biex jikkonformaw mas-CSMs.
- (14) Fid-dawl tal-approċċi differenti użati attwalment għall-valutazzjoni tas-sikurezza, huwa meħtieġ perjodu tranżizzjoni, sabiex jingħata biżżejjed żmien għall-atturi konċernati, fejn meħtieġ, sabiex jitgħallmu u japplikaw l-approċċ komuni għdid kif ukoll li jiksbu l-esperjenza minnu.
- (15) Peress li approċċ formalizzat abbażi tar-riskju huwa relativament għdid fxi Stati Membri, is-CSM dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji se tkun volontarja fir-rigward tal-bidliet operattivi jew organizzattivi sal-1 ta' Lulju 2012. Dan se jippermetti lill-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji biex tassisti, tali applikazzjonijiet fejn possibbli, u tipproponi titjib, fejn xieraq, għal dak is-CSM qabel l-1 Lulju 2012.
- (16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2004/49/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

#### L-għan

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi metodu komuni ta' sikurezza dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji (CSM) kif imsemmi fl-Artikolu 6(3)(a) tad-Direttiva 2004/49/KE.

2. L-għan tas-CSM dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji huwa li jinżamm u, jitejjeb il-livell ta' sikurezza tal-ferroviji tal-Komunità meta u fejn meħtieġ u jkun raġonevolment prattikabbli. Is-CSM għandu jiffaċilita l-aċċess għas-suq għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju permezz tal-armonizzazzjoni:

- (a) tal-proċessi tal-immaniġġjar tar-riskji użati għall-valutazzjoni tal-livelli tas-sikurezza u l-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza;
- (b) tal-iskambju tal-informazzjoni b'rilevanza għas-sikurezza fost l-atturi differenti fis-settur ferrovjarju sabiex tiġi mmaniġġjata s-sikurezza madwar l-interkonnessjonijiet differenti li jistgħu jeżistu f'dan is-settur;
- (c) tal-evidenza li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' proċess ta' mmaniġġjar tar-riskji.

## Artikolu 2

### Il-kamp ta' applikazzjoni

1. Is-CSM dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji għandha tapplika għal kwalunkwe bidla fis-sistema ferrovjarja fi Stat Membru, kif imsemmi fil-punt (2)(d) tal-Anness III għad-Direttiva 2004/49/KE, li tkun meqjusa sinifikati skont it-tifsira tal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament. Dawk il-bidliet jistgħu jkunu ta' natura teknika, operattiva jew organizzattiva. Għall-bidliet organizzattivi, għandhom jitqiesu biss dawk il-bidliet li jista' jkollhom impatt fuq il-kundizzjonijiet operattivi.

2. Fejn il-bidliet sinifikati jikkonċernaw sottosistemi strutturali li għalihom hija applikabbli d-Direttiva 2008/57/KE, is-CSM dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji għandha tapplika:

- (a) jekk il-valutazzjoni tar-riskji tkun meħtieġa mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' interoperabilità (TSI) rilevanti. F'dan il-każ it-TSI għandhom, fejn xieraq, jispeċifikaw liema partijiet tas-CSM ikunu applikabbli;
- (b) biex tiġi żgurata l-integrazzjoni sikura tas-sottosistemi strutturali li għalihom japplikaw it-TSIs fis-sistema eżistenti, permezz tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/57/KE.

Madankollu, l-applikazzjoni tas-CSM fil-każ imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ma jridx iwasslu għal rekwiżiti kontradittorji għal dawk stabbiliti fit-TSIs rilevanti li jkunu mandatorji.

Madankollu jekk l-applikazzjoni tas-CSM twassal għal rekwiżit li jkun kontradittorju mat-TSI rilevanti, il-proponent għandu jinforma lill-Istat Membru konċernat li jista' jiddeċiedi li jitlob reviżjoni tat-TSI skont l-Artikoli 6(2) jew 7 tad-Direttiva 2008/57/KE jew deroga skont l-Artikolu 9 ta' dik id-Direttiva.

3. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

- (a) metros, trammijiet u sistemi ferrovjarji ħfief oħra;
- (b) netwerks li fil-funzjoni tagħhom huma separati mill-bqija tas-sistema ferrovjarja u li huma maħsuba biss għall-operat ta' servizzi tal-passiġieri lokali, urbani jew sottourbani, kif ukoll impriżi ferrovjarji li joperaw biss fuq dawn in-netwerks;
- (c) infrastruttura ferrovjarja li hija proprjetà privata u teżisti biss għall-użu mill-proprjetarju tal-infrastruttura għall-operazzjonijiet tiegħu tal-merkanzija;
- (d) vetturi ta' patrimonju li joperaw fin-netwerks nazzjonali sakemm dawn jikkonformaw mar-regoli u regolamenti

nazzjonali tas-sikurezza bil-għan li tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni sikura ta' tali vetturi;

- (e) ferroviji ta' patrimonju, mużew u turisti li joperaw fin-netwerk tagħhom stess inkluż l-garaxxijiet tal-manutenzjoni, vetturi u persunal.

4. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għas-sistemi u l-bidliet li f'jum id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jinsabu fi stadju avanzat ta' żvilupp, kif iddefinit fl-Artikolu 2(t) tad-Direttiva 2008/57/KE.

## Artikolu 3

### Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/49/KE huma applikabbli.

Id-definizzjonijiet li ġejjin huma wkoll applikabbli:

- (1) "riskju" tfisser ir-rata ta' okkorrenza ta' aċċidenti u inċidenti li jirriżultaw fi ħsara (ikkawżata minn periklu) u l-livell tas-severità ta' dik il-ħsara;
- (2) "analiżi tar-riskji" tfisser użu sistematiku tal-informazzjoni kollha disponibbli biex jiġi identifikati l-perikli u biex jiġi stmat ir-riskju;
- (3) "evalwazzjoni tar-riskji" tfisser proċedura msejsa fuq l-analiżi tar-riskji biex jiġi ddeterminat jekk intlaħaqx ir-riskju aċċettabbli;
- (4) "valutazzjoni tar-riskji" tfisser il-proċess kumplessiv li jinkludi l-analiżi tar-riskji u l-evalwazzjoni tar-riskji;
- (5) "sikurezza" tfisser ħelsien minn riskju inaċċettabbli ta' ħsara;
- (6) "immaniġġjar tar-riskji" tfisser l-applikazzjoni systematika tal-politiki, proċeduri u prattiki ta' mmaniġġjar għall-kompiti tal-analiżi, evalwazzjoni u kontroll tar-riskji;
- (7) "interkonnessjoni" tfisser il-punti kollha ta' interazzjoni matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' sistema jew sottosistema, inkluż l-operat u l-manutenzjoni fejn atturi differenti mis-settur ferrovjarju jkunu se jaħdmu flimkien sabiex jimmaniġġjaw ir-riskji;
- (8) "atturi" tfisser il-partijiet kollha li huma, direttament jew permezz ta' arranġamenti kuntrattwali, involuti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skont l-Artikolu 5(2);



- (9) “rekwiżiti tas-sikurezza” tfisser il-karatteristiċi neċessarji tas-sikurezza (kwalitattivi jew kwantitattivi) ta’ sistema u t-tħaddim tagħha (inkluż regoli operattivi) sabiex jintlaħqu l-miri legali jew il-miri tal-kumpanija dwar is-sikurezza;
- (10) “miżuri ta’ sikurezza” tfisser ġabra ta’ azzjonijiet li jew inaqqsu r-rata tal-okkorrenza ta’ periklu inkella li jimmitigaw il-konsegwenzi tiegħu sabiex jintlaħqu u/jew jinżamm livell aċċettabbli tar-riskju;
- (11) “proponent” tfisser l-imprezzi ferrovjarji jew il-manigġers tal-infrastruttura fil-qafas tal-miżuri tal-kontroll tar-riskji li jkollhom jimplimentaw skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/49/KE, l-entitajiet kontraenti jew il-produtturi meta jistiednu korp notifikat biex japplika l-proċedura “KE” tal-verifika skont l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2008/57/KE, jew l-applikant għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid ta’ vetturi fl-operat;
- (12) “rapport dwar il-valutazzjoni tas-sikurezza” tfisser id-dokument li jkun fih il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni mwettqa minn korp tal-valutazzjoni dwar is-sistema li tkun qed tiġi vvalutata;
- (13) “periklu” tfisser kundizzjoni li tista’ twassal għal aċċident;
- (14) “korp tal-valutazzjoni” tfisser persuna, organizzazzjoni jew entità indipendenti u kompetenti li twettaq investigazzjoni biex tasal għal għidizzjonu, imsejjes fuq evidenza, dwar kemm sistema tkun xierqa biex tissodisfa r-rekwiżiti tagħha tas-sikurezza;
- (15) “kriterji għall-aċċettazzjoni tar-riskji” tfisser it-termini ta’ referenza li bihom tiġi vvalutata l-aċċettabbiltà ta’ riskju speċifiku. Dawn il-kriterji jintużaw biex jiġi ddeterminat li l-livell ta’ riskju huwa biżżejjed baxx li ma jkunx neċessarju li tittieħed xi azzjoni immedjata biex jitnaqqas aktar;
- (16) “reġistru tal-perikli” tfisser id-dokument li fih jiġu rreġistrati u rreferenzjati l-perikli identifikati, il-miżuri relatati, l-oriġini tagħhom u r-referenza tal-organizzazzjoni li jkollha timmaniġġjahom;
- (17) “identifikazzjoni tal-perikli” tfisser il-proċess li bih jinstabu, jiġu elenkati u kkaratterizzati l-perikli;
- (18) “prinċipju tal-aċċettazzjoni tar-riskji” tfisser ir-regoli użati sabiex wieħed jaasal biex jikkonkludi jekk ir-riskju relatat għal periklu wieħed, jew aktar, ikunx aċċettabbli jew le;
- (19) “kodiċi tal-prassi” tfisser sett ta’ regoli miktuba li, meta applikati sewwa, jistgħu jintużaw għall-kontroll ta’ periklu speċifiku wieħed jew aktar;
- (20) “sistema ta’ referenza” tfisser sistema ppruvata fil-prattika li jkollha livell aċċettabbli ta’ sikurezza u li l-aċċettabbiltà tar-riskji minn sistema li tkun qed tiġi vvalutata tkun tista’ tiġi evalwata magħha bħal paragon;
- (21) “stima tar-riskju” tfisser il-proċess użat biex jipproduċi miżura tal-livell tar-riskju li jkun qed jiġi analizzat u tikkonsisti mill-passi segwenti: frekwenza, analiżi tal-konsegwenzi u l-integrazzjoni tagħhom;
- (22) “sistema teknika” tfisser prodott jew ġabra ta’ prodotti inkluż id-diżinn, l-implimentazzjoni u dokumentazzjoni ta’ appoġġ. L-iżvilupp ta’ sistema teknika tibda jibda mill-ispeċifikar tar-rekwiżiti tagħha u jispiċċa fl-aċċettazzjoni tagħha. Minkejja d-diżinn tal-interkonnessjonijiet rilevanti b’imġieba umana hija kkunsidrata, l-operaturi umani u l-azzjonijiet tagħhom ma humiex inklużi fis-sistema teknika. Il-proċess ta’ manutenzjoni huwa deskritt fil-manwali tal-manutenzjoni imma ma huwiex parti mis-sistema teknika;
- (23) “konsegwenza katastrofika” tfisser fatalitajiet u/jew bosta korrimenti gravi u/jew ħsarat kbar għall-ambjent li jirriżultaw minn aċċident;
- (24) “aċċettazzjoni tas-sikurezza” tfisser l-istatus mogħti għall-bidla mill-proponent ibbażata fuq ir-rapport tal-valutazzjoni tas-sikurezza pprovdut mill-korp tal-valutazzjoni;
- (25) “sistema” tfisser kwalunkwe parti mis-sistema ferrovjarja li tkun soġġetta għal bidla;
- (26) “regola nazzjonali nnotifikata” tfisser kwalunkwe regola nazzjonali nnotifikata minn Stat Membru skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE<sup>(1)</sup>, Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup> u d-Direttivi 2004/49/KE u 2008/57/KE.

#### Artikolu 4

##### Bidliet sinifikanti

1. Jekk ma tkun innotifikata l-ebda regola nazzjonali għad-definizzjoni ta’ jekk bidla tkunx sinifikanti jew le fi Stat Membru, il-proponent għandu jqis l-impatt potenzjali tal-bidla inkwistjoni fuq is-sikurezza tas-sistema ferrovjarja.

<sup>(1)</sup> ĠU L 235, 17.9.1996, p. 6.

<sup>(2)</sup> ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1.

Meta l-bidla proposta ma jkollha ebda impatt fuq is-sikurezza, ma jkunx meħtieġ li jiġi applikat il-proċess tal-immaniġġjar tar-riskju deskritt fl-Artikolu 5.

2. Meta l-bidla proposta jkollha impatt fuq is-sikurezza, il-proponent għandu jiddeċiedi, permezz ta' ġudizzju espert, x'issarraf il-bidla abbażi tal-kriterji li ġejjin:

- (a) il-konsegwenza ta' falliment: l-aġar xenarju kredibbli fil-każ ta' nuqqas tas-sistema li tkun qed tiġi vvalutata, fejn titqies l-eżistenza tal-ostakli esterni għas-sikurezza;
- (b) innovazzjoni użata fl-implimentazzjoni tal-bidla; dan jikkonċerna kemm dak li jkun innovattiv fis-settur ferrovjarju, kif ukoll dak li jkun ġdid għall-organizzazzjoni li tkun qed timplimenta l-bidla;
- (c) il-kumplessità tal-bidla;
- (d) il-monitoraġġ: l-inkapaċità ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-bidla matul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistema u li jsiru interventi xierqa;
- (e) ir-riversibbiltà: l-inkapaċità tat-treġġigħ lura għas-sistema ta' qabel il-bidla;
- (f) l-addizzjonalità: il-valutazzjoni tas-sinifikat tal-bidla billi jitqiesu l-modifiki kollha reċenti marbuta mas-sikurezza għas-sistema li tkun qed tiġi vvalutata u li ma jkunux tqiesu bħala sinifikanti.

Il-proponent għandu jżomm dokumentazzjoni adegwata biex jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu.

#### Artikolu 5

##### Il-proċess tal-immaniġġjar tar-riskji

1. Il-proċess tal-immaniġġjar tar-riskji deskritt fl-Anness I għandu japplika:

- (a) għal bidla sinifikanti kif speċifikat fl-Artikolu 4, inkluż it-tqegħid fl-operat ta' sottosistemi strutturali kif imsemmi fl-Artikolu 2(2)(b);
- (b) fejn TSI kif imsemmi fl-Artikolu 2(2)(a) tirreferi għal dan ir-Regolament sabiex tippreskrivi l-proċess tal-immaniġġjar tar-riskji deskritt fl-Anness I.

2. Il-proċess tal-immaniġġjar tar-riskji deskritt fl-Anness I għandu jiġi applikat mill-proponent.

3. Il-proponent għandu jiżgura li jkun mmaniġġjati r-riskji introdotti mill-fornituri u l-fornituri tas-servizzi, inkluż is-sottokuntratturi tagħhom. Għal dan il-għan, il-proponent għandu jitlob li l-fornituri u l-fornituri tas-servizzi, inkluż is-sottokuntratturi tagħhom, jipparteċipaw fil-proċess tal-immaniġġjar tar-riskji deskritt fl-Anness I.

#### Artikolu 6

##### Valutazzjoni indipendenti

1. Valutazzjoni indipendenti tal-applikazzjoni korretta tal-proċess tal-immaniġġjar tar-riskji deskritt fl-Anness I u tar-riżultati ta' din l-applikazzjoni għandhom jitwettqu minn korp li għandu jissodisfa l-kriterji elenkati fl-Anness II. Fejn il-korp tal-valutazzjoni jkun għadu ma ġiex identifikat mill-Komunità jew mill-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-proponent għandu jaħtar il-korp tal-valutazzjoni tiegħu li jista' jkun organizzazzjoni oħra jew dipartiment intern.

2. Għandu jiġi evitat id-dupplikat tax-xogħol bejn il-valutazzjoni tal-konformità tas-sistema tal-immaniġġjar tas-sikurezza kif meħtieġ mid-Direttiva 2004/49/KE, il-valutazzjoni tal-konformità mwettqa minn korp innotifikat jew korp nazzjonali kif meħtieġ mid-Direttiva 2008/57/KE u kwalunkwe valutazzjoni indipendenti tas-sikurezza mwettaq mill-korp tal-valutazzjoni skont dan ir-Regolament.

3. L-awtoritajiet tas-sikurezza jistgħu jaġixxu bħala l-korp tal-valutazzjoni fejn il-bidliet sinifikanti jikkonċernaw il-każijiet li ġejjin:

- (a) Fejn vettura tkun teħtieġ awtorizzazzjoni għat-tqegħid fl-operat, kif imsemmi fl-Artikoli 22(2) u 24(2) tad-Direttiva 2008/57/KE;
- (b) Fejn vettura tkun teħtieġ awtorizzazzjoni addizzjonali għat-tqegħid fl-operat, kif imsemmi fl-Artikoli 23(5) u 25(4) tad-Direttiva 2008/57/KE;
- (c) Fejn iċ-ċertifikat tas-sikurezza jkollu jiġi aġġornat minħabba bidla tat-tip, jew tal-firxa tal-operazzjoni, imsemmi fl-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 2004/49/KE;
- (d) Fejn iċ-ċertifikat tas-sikurezza jkollu jiġi rivedut minħabba bidliet sostanzjali fil-qafas regolatorju tas-sikurezza, kif imsemmi fl-Artikolu 10(5) ta' dik id-Direttiva;
- (e) Fejn l-awtorizzazzjoni tas-sikurezza jkollha tiġi aġġornata minħabba bidliet sostanzjali fl-infrastruttura, fis-sinjalar jew fil-provista tal-enerġija, jew fil-prinċipji tal-operazzjoni u manutenzjoni tagħha, kif imsemmi fl-Artikolu 11(2) ta' dik id-Direttiva;

(f) Fejn l-awtorizzazzjoni tas-sikurezza jkollha tiġi riveduta minħabba bidliet sostanzjali fil-qafas regolatorju tas-sikurezza, kif imsemmi fl-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2004/49/KE.

4. Fejn il-bidliet sinifikanti jikkonċernaw sottosistema strutturali li teħtieġ awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz kif imsemmi fl-Artikolu 15(1) jew l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2008/57/KE, l-awtorità tas-sikurezza tista' taġixxi bħala l-korp tal-valutazzjoni sakemm il-proponent ma jkunx diġà ta dak il-kompitu lil korp notifikat skont l-Artikolu 18(2) ta' dik id-Direttiva.

#### Artikolu 7

##### Ir-rapporti tal-valutazzjoni tas-sikurezza

1. Il-korp tal-valutazzjoni għandu jipprovdi rapport tal-valutazzjoni tas-sikurezza lill-proponent.

2. Fil-każ imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1), ir-rapport tal-valutazzjoni tas-sikurezza għandu jiġi kkunsidrat mill-awtorità nazzjonali tas-sikurezza fid-deċiżjoni tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fl-operat tas-sottosistemi u l-vetturi.

3. Fil-każ imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1), il-valutazzjoni indipendenti hija parti mill-kompitu tal-korp notifikat, sakemm ma jkunx speċifikat xorta oħra mit-TSI.

Jekk il-valutazzjoni indipendenti hija parti mill-kompitu tal-korp notifikat, ir-rapport tal-valutazzjoni tas-sikurezza għandu jitqies mill-korp notifikat responsabbli għat-twassil taċ-ċertifikat tal-konformità jew mill-entità kontraenti responsabbli għat-fassil tad-dikjarazzjoni tal-verifika tal-KE.

4. Meta sistema jew parti minn sistema diġà tkun aċċettata b'konsegwenza tal-proċess tal-immaniġġjar tar-riskji speċifikat f'dan ir-Regolament, ir-rapport li joħroġ tal-valutazzjoni tas-sikurezza ma għandux jiġi kkontestat minn xi korp tal-valutazzjoni ieħor responsabbli mit-tweqqif ta' valutazzjoni ġdida tal-istess sistema. Ir-rikonoxximent għandu jsir bil-kundizzjoni li jintwera li s-sistema se tintuża skont l-istess kundizzjonijiet funzjonali, operattivi u ambjentali bħal dawk tas-sistema diġà aċċettata, u li l-kriterji tal-aċċettazzjoni tar-riskji ekwivalenti ġew applikati.

#### Artikolu 8

##### Maniġġjar tal-kontroll tar-riskji / verifiki interni u esterni

1. L-impriża ferrovjarja u l-manijers tal-infrastruttura għandhom jinkludu verifiki tal-applikazzjoni tas-CSM dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji fl-iskema rikorrenti tagħhom tal-verifika tas-sistema tal-immaniġġjar tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/49/KE.

2. Fil-qafas tal-kompiti ddefiniti fl-Artikolu 16(2)(e) tad-Direttiva 2004/49/KE, l-awtorità nazzjonali dwar is-sikurezza

għandha timmonitorja l-applikazzjoni tas-CSM dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji.

#### Artikolu 9

##### Reazzjoni u progress tekniku

1. Kull maniġer tal-infrastruttura u kull impiża ferrovjarja għandhom, fir-rapport annwali tagħha dwar is-sikurezza msemmi fl-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2004/49/KE, jirrapportaw dwar l-esperjenza tagħhom fl-applikazzjoni tas-CSM dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll sinteżi tad-deċiżjonijiet marbuta mal-livell tas-sinifikat tal-bidliet.

2. Kull awtorità nazzjonali dwar is-sikurezza għandha, fir-rapport annwali tagħha dwar is-sikurezza msemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2004/49/KE, tirrapporta dwar l-esperjenza tal-proponent fl-applikazzjoni tas-CSM dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji, u fejn xieraq, l-esperjenza tagħha.

3. L-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għandha timmonitorja u tiġbor ir-reazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tas-CSM dwar il-valutazzjoni u l-evalwazzjoni tar-riskji u, fejn applikabbli, tressaq rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni bil-ħsieb li ttejjibha.

4. L-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għandha tissottometti lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011, rapport li għandu jinkludi:

(a) analiżi tal-esperjenza dwar l-applikazzjoni tas-CSM dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji, inkluż każijiet fejn is-CSM ikun ġie applikat mill-proponenti fuq bażi volontarja qabel id-data rilevanti ta' applikazzjoni prevista fl-Artikolu 10;

(b) analiżi tal-esperjenza tal-proponenti dwar id-deċiżjonijiet marbuta mal-livell tas-sinifikat tal-bidliet;

(c) analiżi tal-każijiet fejn il-kodijiet ta' prassi ntużaw kif deskritt fit-taqsim 2.3.8 tal-Anness I;

(d) analiżi tal-effikaċja kumplessiva tas-CSM dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji.

L-awtoritajiet tas-sikurezza għandhom jassistu lill-Aġenzija fl-identifikar ta' każijiet tal-applikazzjoni tas-CSM dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji.

#### Artikolu 10

##### Id-dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 Lulju 2012.

Madanakollu, għandu japplika mid-19 Lulju 2010:

- (a) għall-bidliet tekniċi kollha sinifikanti li jaffettwaw il-vetturi, skont l-Artikoli 2(c) tad-Direttiva 2008/57/KE;
- (b) għall-bidliet tekniċi kollha sinifikanti li jaffettwaw sub-sistemi strutturali, fejn meħtieġ skont l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/57/KE jew minn TSI.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*  
Antonio TAJANI  
*Vċi President*

---

## ANNEX I

**1. PRINĊIPI ĠENERALI APPLIKABBLI GĦALL-PROĊESS TAL-IMMANIĠĠJAR TAR-RISKJI****1.1. Prinċipji ġenerali u obbligi**

1.1.1. Il-proċess tal-immaniĠĠjar tar-riskji kopert minn dan ir-Regolament għandu jibda b'definizzjoni tas-sistema li tkun qed tiġi vvalutata u jinkludi l-attivitajiet segwenti:

(a) il-proċess tal-valutazzjoni tar-riskji, li għandu jiddefinixxi l-perikli, ir-riskji, il-miżuri assoċjati tas-sikurezza u r-rekwiżiti riżultanti ta' sikurezza li għandhom jiġu ssodisfati mis-sistema li tkun qed tiġi vvalutata;

(b) ix-xhieda tal-konformità tas-sistema mar-rekwiżiti identifikati tas-sikurezza u;

(c) l-immaniĠĠjar tal-perikli kollha identifikati u l-miżuri assoċjati tas-sikurezza.

Il-proċess tal-immaniĠĠjar tar-riskji huwa rikorrenti u muri fid-disinn fl-Appendiċi. Il-proċess jintemm meta tint-wera il-konformità tas-sistema mar-rekwiżiti kollha tas-sikurezza neċessarji għall-aċċettazzjoni tar-riskji marbuta mal-perikli identifikati.

1.1.2. Dan il-proċess ripetittiv tal-immaniĠĠjar tar-riskji:

(a) għandu jinkludi attivitajiet adegwati ta' garanzija tal-kwalità u li jitwettqu minn persunal kompetenti;

(b) għandu jiġi vvalutat independentement minn korp tal-valutazzjoni wieħed jew aktar.

1.1.3. Il-proponent responsabbli għall-proċess tal-immaniĠĠjar tar-riskji meħtieġ minn dan ir-Regolament għandu jżomm rekord tal-perikli skont it-taqsimha 4.

1.1.4. L-atturi li diġà jħaddnu metodi jew għodod għall-valutazzjoni tar-riskji jistgħu jkomplu jużawhom sakemm ikunu kumpatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-metodi jew għodod tal-valutazzjoni tar-riskji jkunu deskritti f'sistema tal-immaniĠĠjar tas-sikurezza li tkun ġiet aċċettata minn awtorità nazzjonali dwar is-sikurezza skont l-Artikolu 10(2)(a) jew l-Artikolu 11(1)(a) tad-Direttiva 2004/49/KE; jew

(b) il-metodi jew l-għodod tal-valutazzjoni tar-riskji huma meħtieġa minn TSI jew jikkonformaw mal-istandards rikonoxxuti disponibbli pubblikament speċifikati fir-regoli nazzjonali notifikati.

1.1.5. Bla ħsara għar-responsabbiltà ċivili skont ir-rekwiżiti legali tal-Istati Membri, il-proċess tal-valutazzjoni tar-riskji għandha taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-proponent. Partikolarment il-proponent għandu jiddeċiedi, bil-qbil tal-atturi konċernati, li se jkunu responsabbli għall-issodisfar tar-rekwiżiti tas-sikurezza li jirriżultaw mill-valutazzjoni tar-riskji. Din id-deċiżjoni għandha tiddependi fuq it-tip tal-miżuri tas-sikurezza magħżula biex jikkontrollaw ir-riskji għal livell aċċettabbli. Ix-xhieda tal-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza għandha titwettaq skont it-taqsimha 3.

1.1.6. L-ewwel pass tal-proċess tal-immaniĠĠjar tar-riskji għandu jidentifika f'dokument, imfassal mill-proponent, il-kompiti differenti tal-atturi, kif ukoll l-attivitajiet tagħhom tal-immaniĠĠjar tar-riskji. Il-proponent għandu jikkordinata kollaborazzjoni mill-qrib fost l-atturi differenti involuti, skont il-kompiti rispettivi tagħhom, sabiex jimmaniĠĠjaw il-perikli u l-miżuri assoċjati tagħhom tas-sikurezza.

1.1.7. Evalwazzjoni tal-applikazzjoni korretta tal-proċess tal-immaniĠĠjar tar-riskji deskritta f'dan ir-Regolament taqa' fir-responsabbiltà tal-korp tal-valutazzjoni.

## 1.2. Immaniġġjar tal-interkonnessjonijiet

- 1.2.1. Għal kull interkonnessjoni rilevanti għas-sistema li tkun qed tiġi vvalutata u bla ħsara għall-ispeċifikazzjonijiet tal-interkonnessjonijiet definiti fit-TSIs rilevanti, l-atturi konċernati tas-settur ferrovjarju għandhom jikkooperaw sabiex jidentifikaw u jimmaniġġjaw flimkien il-perikli u miżuri relatati tas-sikurezza li jeħtieġu li jiġu mmaniġġjati f'dawn l-interkonnessjonijiet. L-immaniġġjar tar-riskji komuni fl-interkonnessjonijiet għandu jiġi kkoordinat mill-proponent.
- 1.2.2. Meta, biex jiġi ssodisfat rekwiżit tas-sikurezza, attur jidentifika l-ħtieġa għal miżura tas-sikurezza li ma jkunx jista' jimplimenta hu nnifsu, għandu, wara li jilħaq qbil ma' attur ieħor, jittrasferixxi l-immaniġġjar tal-periklu relatat lil dan tal-aħħar billi juża l-proċess deskritt fit-taqsimha 4.
- 1.2.3. Għas-sistema li tkun qed tiġi vvalutata, kwalunkwe attur li jintebaħ li miżura tas-sikurezza mhix konformi jew hi inadegwata huwa responsabbli li jinnotifikaha lill-proponent, li għandu min-naħa tiegħu jinforma l-attur li jkun qed jimplimenta l-miżura tas-sikurezza.
- 1.2.4. L-attur li jkun qed jimplimenta l-miżura tas-sikurezza għandu mbagħad jinforma lill-atturi kollha affettwati mill-problema kemm fl-ambitu tas-sistema li tkun qed tiġi vvalutata, kemm, sa fejn ikun magħruf mill-attur, fl-ambitu ta' sistemi oħra eżistenti li jużaw l-istess miżura tas-sikurezza.
- 1.2.5. Meta ma jintlaħaqx ftehim bejn żewġ atturi jew aktar, ikun fir-responsabbiltà tal-proponent biex isib soluzzjoni xierqa.
- 1.2.6. Meta rekwiżit fregola nazzjonali notifikata ma jkunx jista' jiġi ssodisfat minn attur, il-proponent għandu jieħu parir mill-awtorità kompetenti rilevanti.
- 1.2.7. Indipendentement mid-definizzjoni tas-sistema li tkun qed tiġi vvalutata, il-proponent huwa responsabbli mill-iżgurar li l-immaniġġjar tar-riskji jkopri s-sistema nnifisha u l-integrazzjoni fis-sistema ferrovjarja kollha kemm hi.

## 2. DESKRIZZJONI TAL-ESKRIZZJONI TAL-PROĊESS TAL-VALUTAZZJONI TAR-RISKJI

### 2.1. Deskrizzjoni ġenerali

2.1.1. Il-proċess tal-valutazzjoni tar-riskji huwa l-proċess rikorrenti kumplessiv li jinkludi:

- (a) id-definizzjoni tas-sistema;
- (b) l-analiżi tar-riskji inkluż l-identifikazzjoni tal-perikli;
- (ċ) l-evalwazzjoni tar-riskji.

Il-proċess tal-valutazzjoni tar-riskji għandu jinteraġġixxi mal-immaniġġjar tal-perikli skont it-taqsimha 4.1.

2.1.2. Id-definizzjoni tas-sistema għandha tindirizza tal-anqas il-kwistjonijiet li ġejjin:

- (a) l-għan tas-sistema, eż. l-iskop previst;
- (b) il-funzjonijiet u l-elementi tas-sistema, fejn rilevanti (inkluż eż. l-elementi umani, tekniċi u operattivi);
- (ċ) il-konfini tas-sistema inkluż sistemi interattivi oħra;
- (d) l-interkonnessjonijiet fiżiċi (jiġifieri sistemi interattivi) u funzjonali (jiġifieri input u output funzjonali);
- (e) l-ambjent tas-sistema (eż. fluss enerġetiku u termali, xokkijiet, vibrazzjonijiet, interferenzi eletromanjetici, użu operattiv);
- (f) il-miżuri eżistenti tas-sikurezza u, wara rikorrenzi, definizzjoni tar-rekwiżiti tas-sikurezza identifikati mill-proċess tal-valutazzjoni tar-riskji;
- (g) l-assunzjonijiet li jiddeterminaw il-limiti tal-valutazzjoni tar-riskji.

- 2.1.3. Identifikazzjoni tal-perikli għandha titwettaq għas-sistema definita, skont it-taqsimha 2.2.
- 2.1.4. L-aċċettabbiltà tar-riskji għas-sistema li tkun qed tiġi vvalutata għandha tiġi evalwata skont wieħed jew aktar mill-prinċipji li ġejjin tal-aċċettazzjoni tar-riskji:
- (a) l-applikazzjoni tal-kodiċi tal-prassi (it-taqsimha 2.3);
  - (b) paragun ma' sistema simili (it-taqsimha 2.4);
  - (ċ) stima tar-riskji espliċiti (taqsimha 2.5).
- Skont il-prinċipji ġenerali msemmija fit-taqsimha 1.1.5, il-korp tal-valutazzjoni għandu joqgħod lura milli jimponi l-prinċipju tal-aċċettazzjoni tar-riskji li għandu jiġi applikat mill-proponent.
- 2.1.5. Fl-evalwazzjoni tar-riskji l-proponent għandu juri li l-prinċipju magħżul tal-aċċettazzjoni tar-riskji ġie applikat adegwament. Il-proponent għandu wkoll jivverifika li l-prinċipji magħżula tal-aċċettazzjoni tar-riskji jintużaw konsistentement.
- 2.1.6. L-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji tal-aċċettazzjoni tar-riskji għandha tidentifika miżuri possibbli tas-sikurezza li jagħmlu aċċettabbli r-riskju/i tas-sistema li tkun qed tiġi vvalutata. Fost dawn il-miżuri tas-sikurezza, daww magħżula biex jikkontrollaw ir-riskju/i għandhom isiru r-reqwiżiti tas-sikurezza li jkollhom jiġu ssodisfati mis-sistema. Il-konformità ma' dawn ir-reqwiżiti tas-sikurezza għandha tintwera skont it-taqsimha 3.
- 2.1.7. Il-proċess rikorrenti tal-valutazzjoni tar-riskji jista' jitqies komplet meta jkun intwera li r-reqwiżiti kollha tas-sikurezza jkunu ġew issodisfati u ma jkun fadal l-ebda periklu raġonevolment prevedibbli addizzjonali x'jitqies.

## 2.2. L-identifikazzjoni tal-perikli

- 2.2.1. Il-proponent għandu jidentifika sistematikament, bl-użu ta' firxa wiesgħa ta' għarfien espert minn tim kompetenti, il-perikli kollha li huma raġonevolment prevedibbli għas-sistema sħiħa li tkun qed tiġi vvalutata, għall-funzjonijiet tagħha fejn xieraq u għall-interkonnnessjonijiet tagħha.

Il-perikli kollha identifikati għandhom jiġu rreġistrati fir-reġistru tal-perikli skont it-taqsimha 4.

- 2.2.2. Biex l-isforzi tal-valutazzjoni tar-riskji jiġu ffukati fuq ir-riskji l-aktar importanti, il-perikli għandhom jiġu kklassifikati skont ir-riskju stmat li joriġina minnhom. Abbażi tal-opinjoni esperta, il-perikli assoċjati ma' riskju ġeneralment aċċettabbli ma jeħtiġux li jiġu analizzati aktar imma għandhom jiġu rreġistrati fir-reġistru tal-perikli. Il-klassifikazzjoni tagħhom għandha tkun iġġustifikata sabiex ikun permess il-valutazzjoni indipendenti minn korp tal-valutazzjoni.
- 2.2.3. Bħala kriterju, riskji li jirriżultaw mill-perikli jistgħu jiġu kklassifikati bħala ġeneralment aċċettabbli meta r-riskju tant ikun żgħir li ma jkunx raġonevoli li tiġi implimentata xi miżura addizzjonali ta' sikurezza. L-opinjoni esperta għandha tqis li l-kontribut tar-riskji kollha ġeneralment aċċettabbli ma jeċċedix il-proporzjon definit tar-riskju kumplessiv.
- 2.2.4. Matul l-identifikazzjoni tal-perikli, jistgħu jiġu identifikati miżuri ta' sikurezza. Dawn għandhom ikunu rreġistrati fir-reġistru tal-perikli skont it-taqsimha 4.
- 2.2.5. L-identifikazzjoni tal-perikli teħtieġ biss li titwettaq fuq livell ta' dettall neċessarju għall-identifikazzjoni ta' fejn il-miżuri ta' sikurezza jkunu mistennija jikkontrollaw ir-riskji skont wieħed mill-prinċipji tal-aċċettazzjoni tar-riskji msemmija fil-punt 2.1.4. Għalhekk jista' jkun meħtieġ li bejn il-fażijiet tal-analiżi tar-riskji u l-evalwazzjoni tar-riskji jkun hemm rikorrenza sakemm jintlaħaq livell suffiċjenti ta' dettall għall-identifikazzjoni tal-perikli.
- 2.2.6. Kull fejn jintużaw kodiċi ta' prassi jew sistema ta' referenza biex jiġi kkontrollat ir-riskju, l-identifikazzjoni tal-perikli jistgħu jiġu llimitati:
- a) għall-verifika tar-rilevanza tal-kodiċi ta' prassi jew tas-sistema ta' referenza;
  - b) għall-identifikar tad-devjazzjonijiet mill-kodiċi ta' prassi jew mis-sistema ta' referenza.

